# Minuti

## Seduta Nru. 15/2011

Data: Il-Ħamis, 22 ta' Settembru 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri - *Membru*
John Mary Zahra (Jimmy) - *Membru*
Mario Xuereb - *Membru*
Rudolph Cini - *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

- Minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida attendiet il-Viċi Sindku, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai.
- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq

---

## Kontenut

Annex A — Minuti 15/2011

Annex B — Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), Jimmy Zahra (Viċi *Chairperson*), Yvonne Spiteri, Mario Xuereb, Rudolph Cini
***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 15/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-seduta 14/2011 li saret nhar is-26 t'Awwissu 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li r-rampa għada ma saritx.

*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

**3.2** **Fuq punt 3.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat email lis-Sindku ta' Birkirkara sabiex issir il-laqgħa u għadu ma rrispondiex. Il-Kumitat iddeċieda li għanda tinbagħat email lis-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara sabiex jinfurmah dwar it-talba għal laqgħa li qed jitlob il-Kumitat.

Laqgħa mal-Kunsill Birkirkara

**3.3** **Fuq punt 3.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat email lil Fr Gordon sabiex isib data konvenjenti għalih sabiex issir il-laqgħa iżda għadu ma rrispondiex.

Problema ta' Parkeġġ ġewwa s-Swatar.

**3.4** **Fuq punt 3.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fuq is-siti perikolużi, is-sitwazzjoni baqgħet l-istess.

Siti Perikolużi.

3.4.1 Il-Kumitat iddeċieda li issir laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija kif ukoll issir *press conference* fuq is-siti perikolużi ħalli l-pubbliku jkun infurmat x'qed jiġri kif ukoll issir aktar pressjoni. *Il-press conference* għandha ssir kif ġej:

| | |
|---|---|
| Data: | 20 t'Ottubru 2011 |
| Ħin: | 10:30am |
| Post: | Triq tal-Qattus quddiem il-ħajt tas-sejjiegħ l-imwaqqa. |
| Suġġetti: | Siti Perikolużi u Arriva |

**3.5** **Fuq punt 3.6 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ċċekkja mal-Kunsill ta' Birkirkara li l-attivita' li kienet ser tiġi organizzata fix-xahar ta' Settembru 2011 mhux ser issir. Dan għaliex l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jieħi l-fondi kienet tirrikjedi 25 parteċipant barrani iżda l-Kunsill ma leħħaqx dak in-numru.

Attivita' fis-Swatar

**3.6** **Fuq punt 3.7 –** Iċ-*Chairperson* għandha tkellem lill-Kappillan rigward dan is-suġġett.

Kunsill taż-Żagħżagħ

**3.7** **Fuq punt 3.8 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara email mibgħuta mis-Sur Nello Calleja fejn qal li l-Kulleġġ għadu qed jistenna l-approvazzjoni mit-Transport Malta sabiex ikun jista' jibda l-proġett.

Taffiku quddiem is-St Martins College.

3.7.1 Il-Kumitat iddeċieda li tinbagħat risposta li l-Kumitat huma tal-fehma li din is-sitwazzjoni hija ntollerabbli u jgħatih ġimgħa ċans sabiex is-Sur Calleja jibgħat kif ser jimxi waqt il-ħruġ tat-tfal mill-iskola.

3.7.2 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li fi Triq is-Swatar għandu jkun hemm *No Entry* u *No U Turn sign* fi Triq is-Swatar mat-Triq Sant Andrija. Għandu jkun hemm ukoll Arrow sign fi Triq is-Swatar faċċata tat-Triq Sant Andrija. Dawn għandhom isiru sabiex jiġi enfasizzat kif inhuma id-direzzjonijiet tat-traffiku. Il-Kumitat qabel. Tabelli Ġodda

3.7.3 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li għandu jintbgħat Gwardjan Lokali għal nofs siegħa kuljum sabiex ikun fi-Triq is-Swatar fil-ħin tal-ħruġ tat-tfal mill-Kulleġġ St Martins.

**3.8** **Fuq punt 3.9 -** Iċ-*Chairperson* qalet li l-*press conference* ma setgħetx issir fid-data pjanata għax il-Profs Sultana kien indispost. Barra minn hekk il-Profs Sultana jixtieq li l-*leaflet* joħroġ waqt il-*press conference* kif ukoll għanda tinstab data aktar opportuna. Kampanja BLS

3.8.1 Iċ-*Chairperson* qalet li għandha ġġib il-*leaflet* tal-BLS sabiex dan jiġi modifikat bid-dettalji li jiddeċiedi l-Kumitat.

3.8.2 Il-Kumitat iddeċieda li d-data tal-*press conference* titħabbar wara li jkun kollox preparat inkluż il-*leaflet*.

**3.9** **Fuq punt 3.11 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għadu ma bagħatx id-direzzjonijiet 'l ġodda tat-traffiku lit-TM. Is-Sinjura Yvonne Spiteri issuġġeriet li jkun hemm mera fi Triq iż-Żernieq ma' l-iskola, faċċata tad-Dipartiment tal-VAT. Dan għaliex il-karozzi mhux qed ikun jistgħu jaraw minn ikun ġej. Il-Kumitat qabel mas-suġġeriment. Traffic Management

**3.10** **Fuq punt 3.12 –** Wara li l-Kumitat bagħat is-suġġerimenti kif ukoll ltaqa' mal-kumpanija Arriva għadu ma sar xejn. Il-Kumitat iddeċieda li waqt il-*press conference* il-pubbliku jiġi nfurmat ukoll dwar dan. (għad-dettalji tal-*press conference* ara punt 3.4.1) Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**3.11** **Fuq punt 3.14 –** Iċ-*Chairperson* qalet li trid tinstab soluzzjoni rigward l-isleeping policeman għax għad hemm l-ilmenti dwarha. Il-Kumitat iddeċieda li jiġbor il-firem tar-residenti li joqgħodu fit-Triq ta' min irid li tibqa' hemm kif ukoll ta' min irid li titneħħa. Wara l-Kumitat jiddiskuti u jiddeċiedi skont ir-riżultat. Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima

3.11.1 Il-Kumitat iddeċieda li jiltaqa' fi Triq Indri Grima nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2011 fis-6:30pm.

**3.12** **Fuq punt 3.15 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma kellux ċans jikkuntattja lis-Sinjura Maria Schembri tal-MEUSAC. Skemi.

**3.13** **Fuq punt 5.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li flok is-sinjal tal-MC li hemm illegali fi Triq Ġużè Ellul Mercer ma jistax isir parkeġġ għal karozza għaliex m'hemmx spazju biżżejjed. Triq Ġużè Ellul Mercer – parkeġġ MC.

3.13.1 Il-Kumitat iddeċieda li s-sinjal tal-MC illegali jitneħħa u ma jsir ebda

sinjal floku. Ir-resident għandu jkun infurmat u mwissi biex ma jerġax.

**3.14** **Fuq punt 7.2 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-membri kellhom jiġu bl-idejat dwar f'liema skemi l-Kumitat għandu japplika. Attivita' Kulturali għas-sena 2012.

3.14.1 Is-Sur Mario Xuereb qal li s-sena l-oħra kien ippropona biex issir attivita' u din għada tista' ssir.

3.14.2 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li l-ideja tagħha hi li ssir attivita' tal-ħarrub.

**3.15** **Fuq punt 7.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat email lill-perit tal-Kunsill ta' Birkirkara fejn il-perit irrisponda li l-art fejn irid isir ix-xogħol hija propjeta' tal-Gvern Ċentrali. Biex isir ix-xogħol, hemm bżonn ta' permessi mill-MEPA. Taraġ ta' Valley Road

3.15.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-perit għandu jkompli bil-proċess u japplika għal fondi mill-UIF.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kien hemm ebda korrispondenza x'tinqara.

## 5. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**5.1** Ma kien hemm ebda komunikazzjoni mill-mill-Membri tal-Kumitat.

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Iċ-Chairperson qalet li għandhom jiġu organizzati l-korsijiet tal-kompjuter lir-residenti tas-Swatar. Dan is-suġġet għandu jiġi diskuss meta ssir il-laqgħa mal-Kunsill ta' Birkirkara. Korsijiet tal-Komputer

**6.2** Iċ-Chairperson qalet li l-laqgħa pubblika li kienet pjanata li ssir fl-14 t'Ottubru 2011 mhux possibli li ssir dak in-nhar peress li sr tkun indisposta. Proponiet data oħra. Laqgħa Annwali Pubblika 2011.

6.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-laqgħa annwali pubblika ssir nhar il-Ġimgħa, 21 t'Ottubru 2011 ġewwa s-sala tal-Parroċċa, San Ġorġ Preca.

## 7. Għeluq

**7.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8pm. Il-Kumitat unanimaent qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 21 t'Ottubru 2011, fl-4:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qable il-laqgħa pubblika.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|---|
| **3.2** | **Fuq punt 3.3**<br>Laqgħa mal-Kunsill Birkirkara | Tinbagħat email lis-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara sabiex jinfurmah dwar it-talba għal laqgħa li qed jitlob il-Kumitat. | Kumitat, KAS |
| **3.3** | **Fuq punt 3.4**<br>Problema ta' Parkeġġ ġewwa s-Swatar. | Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.4** | **Fuq punt 3.5**<br>Siti Perikolużi. | Issir *Press Conference* kif ġej:<br>Data: 20 t'Ottubru 2011<br>Ħin: 10:30am<br>Post: Triq tal-Qattus quddiem il-ħajt tas-sejjiegħ l-imwaqqa.<br>Suġġetti: Siti Perikolużi u Arriva | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.6** | **Fuq punt 3.7**<br>Kunsill taż-Żagħżagħ | Iċ-*Chairperson* għandha tkellem lill-Kappillan rigward dan is-suġġett. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.7** | **Fuq punt 3.8**<br>Taffiku quddiem is-St Martins College. | Tinbagħat risposta lis-Sur Nello Calleja li l-Kumitat huma tal-fehma li din is-sitwazzjoni hija ntollerabbli u jgħatih ġimgħa ċans sabiex is-Sur Calleja jibgħat kif ser jimxi waqt il-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Jintbgħat Gwardjan Lokali għal nofs siegħa kuljum sabiex ikun fi-Triq is-Swatar fil-ħin tal-ħruġ tat-tfal mill-Kulleġġ St Martins. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.7.2** | Tabelli Ġodda | Fi Triq is-Swatar għandu jkun hemm *No Entry* u *No U Turn sign* fi Triq is-Swatar mat-Triq Sant Andrija. Għandu jkun hemm ukoll Arrow sign fi Triq is-Swatar faċċata tat-Triq Sant Andrija. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.8** | **Fuq punt 3.9**<br>Kampanja BLS | Il-Kumitat iddeċieda li d-data tal-*press conference* titħabbar wara li jkun kollox preparat inkluż il-*leaflet*. | Mario Xuereb |
| **3.9** | **Fuq punt 3.11**<br>Traffic Management | Dawn għandhom jintbgħatu lit-TM għall-approvazzjoni fejn fl-istess email jiġu kkupjati l-Kunsilli rispettivi. Għandha ssir mera fi Triq iż-Żernieq ma' l-iskola, faċċata tad-Dipartiment tal-VAT. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3.11** | **Fuq punt 3.14** Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima | Jinġabru l-firem tar-residenti li joqgħodu fit-Triq ta' min irid li tibqa' hemm kif ukoll ta' min irid li titneħħa. Wara l-Kumitat jiddiskuti u jiddeċiedi skont ir-riżultat. Il-Kumitat iddeċieda li jiltaqa' fi Triq Indri Grima nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2011 fis-6:30pm. | Kumitat, KAS |
| **3.15** | **Fuq punt 3.17** Skemi | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkuntattja lis-Sinjura Maria Schembri MEUSAC sabiex jara kif il-Kumitat jista' jgħamel sabiex japplika għall-fondi mill-EU biex jissewew il-ħitan tas-sejjiegħ u jitwaħħlu pannelli fotovoltajiċi fuq il-*playing fields*. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.13** | **Fuq punt 5.1** Triq Ġużè Ellul Mercer – parkeġġ MC. | Is-sinjal tal-MC illegali jitneħħa u ma jsir ebda sinjal floku. Ir-resident għandu jkun infurmat u mwissi biex ma jerġax. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.15** | **Fuq punt 7.4** Taraġ ta' Valley Road | Il-perit għandu jkompli bil-proċess u japplika għal fondi mill-UIF. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.2** | Laqgħa Annwali Pubblika 2011. | Il-Kumitat iddeċieda li l-laqgħa annwali pubblika ssir nhar il-Ġimgħa, 21 t'Ottubru 2011 ġewwa s-sala tal-Parroċċa, San Ġorġ Preca | Laqgħa Pubblika |
| | Spezzjoni tal-Playing Field mill-MCA. | Kif ir-rapport jasal, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jevalwa x'hemm li għandu bżonn jitranġa u jekk ikun hemm il-bżonn, japplika għall-iskema permezz ta' Memo 66/2011 sabiex il-Kumitat jirċievi l-fondi biex ikun jista' jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa skont ir-rapport. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Devoluzzjoni tal-Garaxx fi Triq Anthony Sammut. | Il-Kumitat aprova unanimament. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Edukazzjoni mill-Qari | Din it-temgħa tissemma waqt il-laqgħa pubblika sabiex il-Kumitat jara l-interess li hemm kif ukoll jara jekk ma jsibx xi volontarji li lesti li jagħmlu l-iStory Telling. | Laqgħa Pubblika |
| | Korsijiet tal-Kompjuter | Jissemmew waqt il-laqgħa mal-Kunsill Lokali Birkirkara. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Toroq bla isem | Dan l-item għad irid jiġi diskuss. | Kumitat |